# Reċensjonijiet

**L-GĦASFUR TAL-ĊENNA U ĦREJJEF OĦRA ta' Karmenu Ellul Galea, 1976. Paġna vii 190.**

Dan il-ktejjeb fih ġabra ta' 14-il ħrafa u leġġenda, x'uħud oriġinali u oħrajn addattati min-naħat differenti tad-dinja, fosthom Malta.

Fih ukoll kelmtejn ta' daħla mill-awtur li jgħidilna illi l-ħsieb tiegħu b'din il-pubblikazzjoni huwa "li nipprova nislet u nagħsar fil-qosor it-twemmin popolari ta' ħaddieħor f'dan il-qasam. U fejn stajt, anki ħarrift u żewwaqt bl-ambjent Malti."

Hemm ukoll studju qasir fuq il-kontenut minn Joe Zammit Ciantar li ħa ħsieb id-disinji, waħda għal kull storja, li jixirqu ħafna. Huwa jistqarr, fil-bidu nett ta' l-istudju, li Karmenu Ellul Galea, kittieb magħruf sewwa fil-kitba bil-Malti, kien issa se jidħol b'dan il-ktieb tiegħu ta' ħrejjef u leġġendi, f'qasam ieħor ta' kitba — dik għat-tfal

Imma f'din il-ħaġa nħoss li ma naqbilx wisq. Ir-raġuni hi li għalkemm il-ħrejjef u l-leġġendi li fih il-ktieb huma sbieħ fihom infushom u, meta qrajthom għoġbuni, qist u rajt li l-istil u l-mod kif l-awtur niseġ dawn l-istejjer tiegħu huma ftit u xejn tqal biex it-tfal jistgħu tabilħaqq jiggustawhom. Jingħoġbu miż-żgħażagħ u mill-kbar żgur imma mit-tfal minix tal-fehma. Biex inkun għedt kollox, jista' jkun li jekk it-tfal isibu 'l xi ħadd kbir li jaqrahomlhom kif jixraq huma wkoll jaslu biex jiggustaw l-ħrejjef u l-leġġendi li qed insemmu. Jekk jiġu biex jaqbdu huma l-ktieb f'idejhom nibża' li ma japprezzawhomx biżżejjed għax isibu li mhumiex ħobż għal snienhom.

Storja għat-tfal trid tkun miktuba bi stil mexxej, sentenzi qosra, djalogu ħaj mingħajr ħafna tiġbid, u ħsibijiet ħfief li t-tfal jifhmu malajr. Dawn l-elementi huma ftit u xejn skarsi fil-kitba ta' dawn il-ħrejjef u l-leġġendi u hu minħabba f'hekk li narahom mhux addattati wisq għat-tfal.

Karmenu Ellul Galea ried ukoll li l-ħrejjef u l-leġġendi tiegħu ma jkunux bat-tala għal kollox u għalhekk ġieli jieħu fit-tul biex ifisser din u dik il-ħaġa, igħallem u jagħti tagħrif, jisħaq fuq it-tagħlima biex hekk il-qarrej jikseb xi ħaġa ta' ġid għalih. Dawn huma ħwejjeġ sbieħ u ta' min ifaħħarhom imma mat-tfal ma narax li jdoqqu wisq. It-tfal għid dak li għandek tgħid, sensel ġrajja wara oħra biex tinseġ l-istorja u tqajjem interess u l-lezzjoni toħroġ weħidha.

Mill-bqija, bħala biċċa xogħol oħra bil-Malti fil-qasam tal-ħrejjef u l-leġġendi, K. Ellul Galea ssokta jagħmel isem għalih bħala kittieb u jagħni l-letteratura Maltija. U għalhekk ma nistax ma nirrikmandax mill-qalb dan il-ktieb lill-qarrejja kollha tal-Malti.

**Pamiża.**

## WERREJ 1976


Paġ.

**Apap Victor:**
Priżma ... 82/103

**Attard Emmanuel F.:**
Deffien F'Raħal ... 11

**Azzopardi Roman:**
Il-Vokabularju Ingliż fil-Malti ... 48

**Buttigieg Anton:**
Fil - Funeral ... 124

**Camilleri J.J.:** ... 8
Marsalforn ... 8
F'Xifer il-Blat ... 9
In-Nifs tal-Ħajja ... 9
Ulied Missierhom ... 54
F'Jum l-Imwiet ... 78
Innu Patrijottiku ... 78
In-Nuffara ... 79
Parassiti ... 80
Ħolm ... 80
Serbut Twil ... 112
Għada magħna ... 118
Dahar ta' Bagħal

**Caruana Demajo G.:**
X'inhi l-Poeżija ... 20

**Cassola Albert M.:**
Iż-Żgħożija ... 67
Eskapiżmu ... 99

**Cortis Jane:**
Guħ ... 34
Tnabar ... 52
Summertime ... 81
Minn Fuq l-Irdum ... 91

**Editorjal:**
Wara l-Laqgħa Ġenerali ... 1
Ir-Reviżjoni ta' "It-Tagħrif" ... 33
Ħarsa Lura ... 65
Inqajmu Kuxjenza Nazzjonali ... 97

**Fenech Patri Dwardu, O.S.A.:**
"In-Nissieġa" ta' Dun Karm u "La Tessitrice" ta' Giovanni Pascoli ... 44

**Friggieri Oliver:**
Konsiderazzjoni Dwar il-Poeżija fis-Seklu 19.
L-Ewwel Parti ... 26
It-Tieni Parti ... 36
Kont Tifel Seklu Ilu ... 91